# Lestejtu kollox biex tmorru jum fil-kampanja. Iżda għamlet ix-xita u kellkom tibqgħu d-dar. X'għamiltu minflok?

**Kien kollox lest. Għabbejna kollox fil-karozza u konna lesti biex nitilqu. Kif missieri fetaħ il-garaxx smajna x-xita nieżla. Uff! Xi dwejjaq, flok jum fil-kampanja konna se nibqgħu ġewwa. Peress li ħija għadu daqsxejn ta' sabi, xtaq joħroġ barra jċafċaf fl-għadajjar, iżda missieri ma ħallihx.**

**F'ħakka t'għajn għalaqna l-garaxx u dħalna ġewwa. Jien tlajt f'soddti u komplejt naqra "s-Seba' Tronġiet Mewwija". Wara li qrajt biċċa sew minnu nżilt isfel u sibt lil ħija u lil missieri jilagħbu bil-'jigsaw puzzle'. Għaddejna l-isbaħ siegħa nilagħbu.**

**Waqt li x-xita kienet għadha nieżla bil-qliel u r-ragħad ikarwat, faqgħet sajjetta u kulħadd inħasad. Morna naraw it-televixin iżda ma damx ma mar id-dawl. Kienu xi l-erbgħa x'ħin smajna l-bieb iħabbat. Aqta' x'sorpriża ħadna! Kien iz-ziju li kien emigra lejn l-Awstralja!**

**Kien qisu mar jgħum għax kien imxarrab għasra. F'idejh kellu żewġ bagalji kbar u goffi u bi tbissima qalilna li kien ġie biex iqatta' jumejn magħna. Għajnejja ma qlathomx minn fuq il-bagalji għax donni kont naf li fihom hemm xi rigal sabiħ għalija u għal ħija. Iz-**

**ziju nduna u fetaħhom. Minn ġol-bagalja ħareġ l-isbaħ ballun tal-futbol li qatt rajt. Lil ħija tah arloġġ.**

**F'daqqa waħda waqfet ix-xita. Ix-xemx tawlet rasha u bdiet tħares minn bejn is-sħab. Donnu z-ziju kien ġab it-temp ta' l-Awstralja miegħu wkoll! Wara li qgħadna nitkellmu maz-ziju kien dalam u tlajt norqod. Iz-ziju raqad fil-kamra tiegħi. Jien irringrazzjajt 'l Alla li allavolja ma morniex il-Buskett, kellna ġurnata mżewqa b'kollox.**

---